Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9266 — IIF/Kuwait Investment Authority/North Sea Midstream Partners)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 36/12)

1. Fit-22 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Kuwait Investment Authority ("KIA", il-Kuwajt),

— IIF Int'l Holding L.P. ("IIF", Cayman Islands),

— North Sea Midstream Partners Limited ("NSMP", ir-Renju Unit).

KIA u IIF jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' NSMP permezz ta' veikolu bi skop speċjali, Selin Investe Midstream Topco Limited. NSMP bħalissa hija kkontrollata unikament minn KIA.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— KIA hija investitur dinji li tinvesti fi proprjetà immobbli, f'ekwità privata u pubblika, fi swieq b'introjtu fiss u swieq alternattivi ta' investiment madwar id-dinja,

— IIF hija fond ta' investiment ta' sħubija limitat speċjalizzat f'investimenti fl-infrastruttura u li jiffoka fuq investimenti fit-tul f'assi infrastrutturali f'pajjiżi tal-OECD,

— NSMP hija s-sid ta' assi tat-trasport u l-ipproċessar ta' gass naturali fil-Baħar tat-Tramuntana tar-Renju Unit u l-madwar.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9266 — IIF/Kuwait Investment Authority/North Sea Midstream Partners

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.